MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 19/2011

**Salvu Zahra**

**vs**

**John Farrugia (ID No. 499868M), Alexia Farrugia (ID No. 528274M) u Dr. Paul Farrugia (ID No. 107467M), f'isimhom proprju u f'isem id-ditta Farrugia Lighting and Interiors**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-2 ta' Gunju 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrali permezz ta' Dikjarazzjoiii tar-rikorrent Salvu Zahra, prezentata fir-*

*Registru tal-Qorti datat 11 ta' Settembru 2007. Meta it-Tribunal Industriali beda jisma' il-kaz in kwestjoni, deher ir-rikorrrent assistit mill-Avukat Owen Bonnici u ghas-Socjeta` intimata deher l-Avukat Paul Farrugia.*

*Fl-istqarrija tal-Kaz ir-rikorrent jghid, li huwa beda jahdem ma' Joseph Farrugia u d-ditta kummercjali Farrugia Enterprises fl-1960, meta huwa kien ghadu tifel ta' 13-il sena u x-xoghol tieghu kien li jiehu hsieb ix-xoghol kollu tad-ditta u dan kien fuq kuntratt indefenit.*

*Ir-rikorrent ikompli jghid, li madwar tliet snin ilu l-hanut li kien f'Naxxar Road, Balzan inghalaq u gie trasferit ghal ma' Farrugia Lightining and Interiors li hi d-ditta tat-tfal ta' Joseph Farrugia. Huwa jkompli jghid, li mdawar sena u xahrejn ilu gie impjegat storekeeper gdid certu Derek Conti.*

*Ir-rikorrent jghid ukoll, li r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u Derek Conti ma kinetx tajba tort tal-attitudni tieghu. Huwa jghid ukoll, li fil-bidu ta' Awwissu sehh incident bejn it-tifel tar-rikorrent li kien jahdem ukoll mad-ditta. L-incident in kwestjoni inqala' tort tan-nuqqas ta' ippjanar ta' Derek Conti, li baghat ghar-rikorrrent u t-tifel tieghu fuq xoghol minghajr ma ccekkja d-delivery b'kousegwenza, li r-rikorrent u ibnu damu siegha u nofs ifittxu linfa fil-mahzen, meta din il-linfa ma kenitx hemm. Huwa jghid ukoll, li meta hu u ibnu marru fix-showroom biex jitkellmu ma' Derek Conti, dana bghat lill Stephen jaqla' linfa mis-sular ta' fuq. Ir-rikorrent jghid ukoll illi, hu u niezel Stephen talab lil Derek biex din il-linfa jitfaghha go borza u Stephen wara li ghamel xoghol iehor, rega' tela' fuq u hu niezel Derek qallu, li dina l-linfa ried jippakkjaha bilfors. Ir-rikorrrent jghid, li Stephen wiegeb lil Derek, li ma kien hemm xejn ta' bilfors u l-affari waqfet hemm.*

*Ir-rikorrent jghid ukoll, li l-ghada hu u ibnu marru jzarmaw fil-fiera tan-Naxxar u ghamlu nofs ta' nhar fix-showroom inizzlu x-xoghol. F'xi nofsinhar, huma u sejrin lejn il-mahzen, gie Derek biex jaghti warning lil Stephen fuq dak li kien gara l-gurnata ta' qabel. Huwa jghid ukoll, li dan il-*

*warning inghata bil-miktub u b'reazzjoni ta' dan ir-rikorrrent qabad u qatta l-warning.*

*Ir-rikorrent jghid ukoll, li dak il-hin hareg is-Sur Farrugia mix-showroom u kecca lil Stephen u qal lir-rikorrent biex joqghod hemm. Ir-rikorrent jghid, li peress li kien kommos b'dak li kien ghadu kemm gara wiegeb li kien se jmur ma' ibnu u l-ghada jithaddtu bil-kwiet.*

*Ir-Rikorrent jghid ukoll, li l-ghada fil-ghodu ghal hin tas-sebgha huwa u ibnu marru wara l-bieb tas-Sur John Farrugia u tkellmu. Huwa jghid ukoll li qalulu li Stephen kien spicca u lilu kienu se jcemplulu. Huwa jghid ukoll, li fil-ghaxija hu u ibnu marru jkellmu lil Dr Paul Farrugia li hu wiehed mill-propjetarji u qallhom li kien se jcempillhom.*

*Ir-rikorrent ikompli jghid, li wara hamest ijiem cempell lil John Farrugia kemm-il darba u dana qatt ma wiegeb. Wara huwa halla messagg u John Farrugia qallu li kien se jerga' jcempillu izda kien kollu ghal xejn ghax ma cempilx.*

*Ir-rikorrent jghid ukoll, li wara li ghadda perjodu li kien bil-leave u liema leave kien diga` applika ghalih rega' mar ikellem lil Dr Farrugia u dan qallu car u tond li missieru ma kienx iridu jidhol lura.*

*Is-Socjeta` intimata fl-istqarrija tal-Kaz taghha tghid, li ma huwiex minnu li r-rikorrent gie avzat fit-23 ta' Awwissu 2007, bil-fomm li kien qieghed jigi mitmum l-impieg tieghu. Fil-fatt, ir-rikorrent volontarjament irrizenja mill-impieg tieghu u abanduna l-post tax-xoghol qabel dik id-data, tant li kkonsenja c-cwievet tal-imhazen u c-cavetta tal-van tax-xoghol li kien ikun dejjem fil-pussess tieghu. Is-Socjeta` tghid ukoll, li minn dak inhar ir-rikorrent ma rritornax ghax-xoghol u l-ewwel darba li ttanta jikkuntattja lill-kumpanija kien madwar ghaxart ijiem wara. Is-Socjeta` tghid ukoll, li minghajr pregudizzju ghall-premess, dak inhar tal-incident Saviour Zahra ittanta ihebb ghal impjegat iehor li kien gie moghti warning bil-miktub lit-tifel tieghu, li kien ukoll impjegat tas-Socjeta`. Is-Socjeta` tghid ukoll, li sahansitra qabad il-warning u qattghu, u kien f'dak il-mument li b'rabja abbanduna l-post tax-xoghol. Is-Socjeta` ittemm l-*

*istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li r-rikorrrent kien il-kagun ta' incidenti varji li kollha kienu jimmeritaw it-terminazzjoni immedjata tal-impieg tieghu.*

*Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien ilu impjegat ma Farrugia ghal madwar 47 sena minn mindu kellu 13-il sena u issa kien wasal ghal zmien tal-irtirar mix-xoghol. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-relazzjoni bejn John Farrugia, li kien il-propjetarju originali kienet iktar wahda ta kollegi milli tal-imghallem u l-lavrant.*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta t-tfal ta' John Farrugia hadu it-tmexxija tan-negozju f'idejhom ippruvaw jamministraw in-negozju b'modd differenti u aktar bi professjonalita` fejn, impjegaw haddiema li kienu jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tan-negozju. Din il-bidla fil-kultura waslet, biex irrizultat f'konflitt bejn l-impjegati li f'dan il-kaz kien ir-rikorrent li kien imdorri li n-negozju jitmexxa differenti u Derek Conti li kien l-impjegat li kien jiehu hsieb certa amministrazzjoni tal-Kumpanija.*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kaz in kwestjoni sehh meta t-tifel tar-rikorrent ircieva warning minghand Derek Conti u r-rikorrrent li kien imdorri li l-problemi jigu ittratti mod iehor, li fejn ikun hemm nuqqas jitkellem direttament mas-sid u l-kwestjoni tieqaf hemm, intervjena billi qabad dan il-warning u qattghu. F'dak il-hin qamet ftit kommossjoni, sar ftit ghajjat izda mill-provi ma jidher li ma kien hemm l-ebda att ta' vjolenza.*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li waqt din il-kommossjoni gie imkecci t-tifel tar-rikorrent, li min-naha tieghu telaq id-dar mieghu.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan l-kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li ir-rikorrent kien ilu jahdem mas-Socjeta` ghal madwar 47 sena. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li r-relazzjonijiet bejn il-propjetarju originali u r-rikorrent kienet iktar wahda ta' kollegi milli tal-imghallem u l-lavrant. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fil-waqt li naqas ir-rikorrent meta qatta' l-warning u telaq mill-post tax-xoghol pero` fl'ebda stadju*

*ma jirrizulta li hu abbanduna l-post tax-xoghol u ghaldaqstant, fil-waqt li kien hemm nuqqas, dan in-nuqqas lanqas jimmerta terminazzjoni tal-impieg u dan dejjem fid-dawl tas-servizz twil li hu ta lill-Kumpanija.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u prezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, dejjem fid-dawl tal-Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal citati hawn fuq issib, li t-Terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet ingusta u t-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fil-waqt li l-impieg ma jergax jigi moghti lura, is-Socjeta` ghandha thallas lir-rikorrent kumpenss li jammonta s-somma ta' €3,000 (tliet elef ewro), liema kumpenss ghandu jithallas fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.*

*Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Mlata rigwardanti drittijiet tad-difensur tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin ewro.*

*B' hekk tintemm din il-Kwestjoni tax-Xoghol."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Farrugia Alexia Farrugia u Dr. Paul Farrugia f'isimhom proprju u f'isem id-ditta Farrugia Lighting and Interiors datat 14 ta' Gunju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-6 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Paul Farrugia ghall-appellant u Dr. Owen Bonnici ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell huwa fis-sens li (a) li dan ma kienx kaz ta' tkeccija ingusta izda ta' rizenja mill-appellat tant li dan abbanduna l-post tax-xoghol fit-23 ta' AWwissu 2007; (b) it-tieni aggravju kien li jekk kien hemm tali tkeccija din kienet gustifikata minhabba l-ingieba tal-appellat.

Illi wara li rat il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li dak li gie deciz mit-Tribunal jirrizulta li tenut kont li l-gravami devoluti lilha huma maggorment censura tal-apprezzament diskrezzjonali tal-provi mit-Tribunal, ma tarax raguni ghaliex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fid-sentenza appellata u dan ghaliex dan huwa fid-diskrezzjoni tat-Tribunal **("Anabelle Cumbo vs Float Glass Ltd."** (A.I.C. – PS – 3 ta' Ottubru 2008).

Illi jirrizulta mill-appell sottomess li fil-fatt l-punti ta' kontestazzjoni b'dawk l-aggravji u mill-kontenut li bihom huma impostati mis-socjeta' appellanti ma jmissu l-ebda punt ta' ligi imma merament kritika ta' l-apprezzament tal-fatti li wasslu lit-Tribunal ghall konvinciment tieghu bid-decizjoni appellata. Evidentement, meta t-Tribunal esprima ruhhu fis-sens illi mill-provi ma kienx jirrizultalu li kien hemm rizenja da parte tal-appellat izda li kien hemm tkeccija u din it-tkeccija kienet wahda ingusta, u dan ghar-ragunijiet minnu espressi fis-sentenza, dan certament ma jirrigwardax punt ta' dritt. Fl-attribuzzjonijiet tieghu, it-Tribunal, kien liberu fuq ic-cirkostanzi tal-kaz lilu sottomessi, li jezercita l-gudizzju diskrezzjonali tieghu u jigbed il-konkluzzjonijiet ta' fatt li l-fattispecie kienu jiddetawlu. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, ma jidhirx li l-ezercizzju hekk kondott mit-Tribunal kien jiddifetta minn aditudini

errata fir-rigward tal-provi konsiderati fil-kumpless taghhom.

Illi dan qed jinghad fid-dawl li kemm fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452** u skond il-gurisprudenza pacicika l-valutazzjoni tal-fatti u provi, istituzzjononalment rimessi esklussivament lit-Tribunal, mhix sindakabbli minn din il-Qorti. Dan anke ghaliex in forza tad-dettam tal-ligi kif ovvjament segwieta mill-principji gurisprudenzjali, il-kontroll minn din il-Qorti tal-legittima tas-sentenza ma jistax jirrigwarda l-konvinciment tat-Tribunal fuq ir-relevanza probatorja ta’ l-elementi indizzjarji u lanqas dwar dan li jinvolvi biss u solament apprezzament ta’ provi li hija fid-diskrezzjoni tal-istess Tribunal. F’kull kaz, jinghad minn din il-Qorti, li wara li hija ezaminat il-provi kollha prodotti ma jirrizultax lanqas li l-motivazzjoni tas-sentenza kienet tiddifetta minn inkongruenza jew illogicita’ **(“Joan Montanaro vs BayStreet Hotel Complex Ltd et”** (A.I.C. (PS) – 13 ta’ Marzu 2009).

Illi mill-assunt ta’ l-appellanti b’dawk l-aggravji hawn esposti jirrizulta lill din il-Qorti li dak li qed jintalab issir minn din il-Qorti huwa ezercizzju investigattiv tal-fatti tal-fatti tal-kaz u tar-rivalutazzjoni taghhom kemm dwar il-punt ta’ allegata rizenja tal-appellat u kemm ghall dak li gie ritenut bhala dak li tammonta ghall tkeccija ingusta esegwieta mill-appellati. Rigwardat min din l-ottika certament li l-appell sottomess ma jistax jitqies li huwa ammissibbli ghar-raguni li ma jmiss il-“punt ta’ ligi” ghal liema hu moghti d-dritt ta’ l-appell skond l-**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452 (“Louis Camilleri vs Arrow Express Limited”** (A.I.C. (PS) – 13 ta’ Frar 2009). Skond gurisprudenza konkordi dwar ligijiet ohra li jipprovdu ghall-appell fuq punt ta’ ligi biex tali ezercizzju jkun possibbli jrid l-ewwelnett jezistui l-punt ta’ ligi u huwa biss malli l-Qorti taqbel li dan jezisti li allura l-appell duq dan il-punt isir devoluttiv tal-kwistjonijiet kollha konsegwenzjali, komprizi dawk ta’ fatti (**“Jon White vs Joseph Fenech”** A.C. – 30 ta’ Mejju 1952; **“Paul Gauci vs Emmanuele Grech”** A.C. – 30 ta’ Novembru 1953).

Illi fil-kuntest ta' l-appell odjern jidher li l-ewwel aggravju kif impostat huwa sempliciment dwar interpretazzjoni ta' fatti li ghamel it-Tribunal fejn qed jigi allegat li abbazi tal-fatti prodotti l-istess Tribunal ma setghax jasal ghall konkluzzjoni li l-appellat ma kienx irrezenja mill-impieg tieghu u hawn qed jigi allegat li t-Tribunal injora x-xhieda tal-appellanti u wkoll l-element korroboratorju li skond huwa kien li Stephen Zahra qatt ma ttenta jirritorna mill-post tax-xoghol. Fl-ewwel lok jinghad li dan ma huwa xejn hlief punt ta' fatt fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal u mid-decizjoni jidher car li l-istess Tribunal ikkonsidra l-versjonijiet moghtija miz-zewg partijiet anke fil-qafas ta' dak li kienet ir-relazzjoni tal-istess appellat mal-appellanti ghal 47 sena shah. Certament li sabiex jigi deciz jekk il-kaz kienx wiehed ta' rizenja o meno it-Tribunal kellu jistharreg u jaccerta ruhu mill-volonta' reali tal-partijiet u jekk dak li avverra ruhu kienx fil-verita' xi simulazzjoni jew licenzjament forzat taht il-parvenza ta' rizenja jew jekk kien att univoku tal-volonta` inkondizzjonata da parti ta' l-impjegat (**"Terranet Limited vs Andrew Grech"** – A.I.C. – 4 ta' Ottubru 2006). S'intendi *"whether an employee has resigned or was dismissed is a qeustion of fact for the employment tribunal to detemine, and their findings cannot be challenged unless their conclusions were such that not reasonable employment tribunal could have reached them"* (**"Martin vs Glynwed Distribution Ltd."** – 1983 ICR 511). Biex ikun hemm ezami ta' dan irid jkun hemm valutazzjoni in bazi ghall ipotesi skorretta tal-ligi (**"Anne Bharwani vs Mim Training & Development Services Limited"** A.I.C. (PS) – 28 ta' Jannar 2008; **"Michael Spiteri vs Valletta Gateway Terminals Limited"** (A.I.C. – 6 ta' Ottubru 2010). F'dan il-kaz certament li ma hemmx ghaliex jidher car li d-decizjoni hija bbazata fuq il-fatt li ma kienx hemm rizenja mill-impjieg mill-appellat fl-ebda mument u l-fatt li telaq minn fuq ix-xoghol fil-mument li tkecca ibnu ma kienx jammonta ghar-rizenja tal-appellat stess mill-istess xoghol. Dan il-Qorti thoss li jirrizulta car mid-decizjoni, u fil-verita' huwa wkoll sorrett mill-provi tal-kaz, anke dawk sottomessi mill-appellanti ghaliex fid-data indikata kull ma gara kien li l-appellat amareggat u skonvolt mill-fatt li tkecca ibnu, telaq minn fuq il-post tax-xoghol, fatt li din il-

Qorti mhux qed b’xi mod tikkonaagixxi li jigi ripetut, izda li fid-dawl tal-fattispecie kollha tal-kaz, qatt ma kien iwassal sabiex jinghad li kien hemm rizenzja. Jirrizulta fil-fatt li kien wara li l-appellanti iddecidew li la telaq minn fuq ix-xoghol, ma jithalliex jerga’ jidhol jahdem u din kienet fil-fatt tammonta ghal tkeccija mill-appellanti tal-appellat u t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu forzata minn mal-appellanti. Ghall dak li gie riferit bhala element korroborattiv, li fih innifsu jikkonferma li dan huwa appell minn punt ta’ fatt, dan lanqas jidhol fil-kwistjoni, izda jekk xejn jikkonferma li fil-fatt dan huwa aggravju fuq apprezzament ta’ provi li ghamel it-Tribubal u ghalhekk mhux permessibbli quddiem din il-Qorti. Ghall kompletezza dan il-kaz huwa ferm differenti mill-kaz ezaminat minn din il-Qorti fis-sentenza **“Edward Calleja vs Marina Restaurants Limited”** (A.I.C. (RCP) – 28 ta’ Gunju 2011) ghaliex hemm il-kaz kien fuq punt ta’ dritt u mhux fuq punt ta’ fatt u apparti minn dan il-fattispecie kienu ghall kollox differenti fejn hemm l-impjegat wara l-incident li fih rrezenja mill-impjieg tieghu huwa kkonferma dan ghall diversi drabi billi rrifjuta meta mitlub li jiltaqa’ ma’ dawk li kienu l-principali tieghu. Dan il-kaz huwa kompletament differenti. B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li jekk kien hemm tali tkeccija din kienet gustifikata minhabba l-ingieba tal-appellat u allura kien hemm hemm tkeccija ghal *“just and sufficient cause* skond l-**artikolu 36 (14) tal-Kap. 352** u ma hemmx dubju li dan huwa punt ta’ fatt ghaliex dak li verament qed jaghmlu l-istess appellanti huwa li jattakaw l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal sabiex wasal ghall konkluzzjoni li tali tkeccija kienet ingusta u mhux permessa mill-ligi u dan ghaliex l-agir tal-appellat ma kienx tali fic-cirkostanzi li kellhu jwassal ghat-tkeccija tieghu u sabiex tali tkeccija tigi b’hekk ritenuta gusta u skond il-ligi. Dan biss iwassal sabiex anke dan il-gravam jigi michud ghaliex ma huwiex punt ta’ dritt. Izda mhux biss ghaliex il-Qorti tinnota li d-difiza li jekk kien hemm tkeccija l-employer kellu dritt jaghmel dan ghaliex kien hemm raguni tajba u gusta sabiex l-impjieg tieghu jigi terminat qatt ma kienet eccepita mill-appellanti quddiem it-

Tribunal tant li l-unika difiza hemm proposta fil-paragrafi tad-dikjarazzjoni tal-istqarrija tal-kaz tal-intimati quddiem it-Tribunal kienet biss ibbazata fuq il-posizzjoni taghhom li l-appellat kien irrezenja u mhux tkecca mill-impjieg tieghu u ghalhekk lanqas jistghu l-appellant iressqu issa u ghall-ewwel darba din id-difiza quddiem il-Qorti tal-Appell, li hija qorti tat-tieni istanza u dan ma jistax issir u lanqas ghandhu jigi permess **("W.P. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 3 ta' Ottubru, 2008); u **"SMS Insurance Agency Limited vs Air Malta Co. Ltd."** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009). Mela allura f'kull kaz dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa'.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost mill-appellanti John Farrugia et fir-rikors tal-appell taghhom datat 14 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Salvu Zahra vs John Farrugia et" (Decizjoni Numru 2079/HW) datata 31 ta' Jannar 2011 (Kaz Numru 2529/HW) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti John Farrugia et.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------